# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

LULJU-SETTEMBRU 1946. IS-SITTAX-IL SENA Għadd 185-187.

# *IL-MALTI U L-MALTIN*

(*Editorjal tal-* Prof. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. [LOND.])

*LI aħna n-nies ma konniex nitkellmu kieku aħna bhejjem; u biex nuru l-ġuħ jew l-għatx konna, bħall-baqar u bħannagħaġ u l-annimali l-oħra, noħorġu minn ġerżumtna ħsejjes mingħajr ħlewwa u rabta mal-moħħ. Għax hu l-moħħ li tana l-ħakma tal-ħsejjes billi wriena li meta ngħaqqdu ħoss ma' ieħor nistgħu noħorġu minnhom simboli ta' ħsebijiet li bihom infissru lil ħaddieħor dak li rridu, dak li nixtiequ u dak li nħossu. Tassew għażiża hi għalhekk il-kelma għall-bniedem għaliex tagħżel il-ħsejjes tiegħu marbuta ma' l-intelliġenza mill-ħsejjes tal-bhejjem marbutin ma' l-istint. Issa, hekk kif l-istint huwa wieqaf tul is-sekli, hekk ukoll hi wieqfa d-daqqa tal-ħsejjes li jagħmlu l-bhejjem kollha skond it-taqsim tal-ħolqien; u hekk kif l-intelliġenza hi ħaġa ħajja, dejjem tiżdied u toktor skond iż-żieda u l-kotor ta' tagħrif u tiġrib ġodda, hekk ukoll l-ilsien tan-nies jikber u jiżdied tul is-sekli. Għalhekk tista' tgħid li l-bniedem mhux le bniedem mingħajr ilsien.*

*Imma mbarra hekk jista' jingħad ukoll, kif ingħad minn ħafna Maltin fi żmenijiet koroħ meta l-barranin riedu jċaħħduna minn ilsienna, li mingħajr il-Malti m'aħniex Maltin. Naraw kemm hu hekk. Bil-kobor u t-tixrid ta' l-esperjenzi fi żmenijiet u mkenijiet diversi nħolqu l-ilsna li l-lum mhux biss jingħażlu bejniethom imma jagħżlu wkoll in-nies li jitkellmuhom fi ġnus għalihom. Hekk l-ilsien Taljan jagħżel lit-Taljani mill-Jugoslavi li jitkellmu bil-Jugoslav, u l-ilsien Franċiż jagħżel in-nies li jitkellmuh mill-Ispanjoli. U għalhekk ukoll l-ilsien Malti jagħżel lilna li nitkellmuh mit-Taljani u mill-Ingliżi u minn ġnus oħra. Imma kien hemm żmien meta t-Taljani, u xi Maltin ħbiebhom, ma għoġbithomx din il-għażla għax dehrilhom li l-Maltin huma*

*Taljani. U għalhekk ġara li bdiet issir gwerra lil dak l-ilsien li kien u għadu jagħmilna Maltin. Għax meta tinqata' l-għażla ta' l-ilsien ftit jibqa' x'jagħżel il-Malti mit-Taljan jew minn ġnus oħra. Poplu bla lsien mhux ġens u biex jinfeda jinsatar b'ilsien ta' nazzjon oħra. U għal ħafna snin il-Malti qala' tagħjir mill-barranin — għamluh Għarbi u ħawduh mal-Mawmettaniżmu biex iberrdu l-ħeġġa naturali li wiċħed iħoss għal ilsien art twelidu u jħawdu l-kuxjenza ta' l-Insara twajba żżejjed. Il-boloh kienu mhux il-barranin li kien jaqblilhom għax kellhom ħafna x'jirbħu miċ-ċaħda tal-lsien Malti, billi din biż-żmien kienet iġġibilhom bidla ta' lsienna ma' dak tagħhom, imma boloh jew kiefra kienu dawk il-Maltin li għenu l-logħba ta' dawn il-barranin deffusin li kienu qed ifittxu jibnu pretensjonijiet politiċi minn fuq il-Maltin. Kienu boloh u għomja għax messhom għarfu li din iċ-ċaħda kienet il-ħtija li l-poplu ż-żgħir kien, kif għadu, imkeffen fid-dlamijiet ta' l-injoranza. Għax jewwilla l-lsien Malti rriduh jintgħallem għall-ġmiel tal-Grammatka tiegħu biss u mhux ukoll għas-setgħa li għandu biex iwassal it-tagħlim lill-poplu l-minsi?*

*Ma hemmx bluha akbar milli tistenna mirakli minn għand il-ħaddiema Maltin aktar milli nistenew minn għand il-ħaddiema Taljani u Franċiżi. Minn għand dawn il-Gvernijiet tagħhom qatt ma stennew li għandhom jitgħallmu l-Ispanjol u r-Russu* daqs *ilsienhom jew, wisq agħar, kif ġara Malta,* flok *ilsienhom. Madankollu l-istorja mkagħbra tagħna tibqa' tixhed lill-Maltin ta' xrajna li dan id-delitt kontra l-jeddijiet imqaddsa ta' art twelidna ġara f'Malta. Imma l-kittieb seriu ta' l-istorja soċjali ma jikkuntentax ruħu bil-ġrajja biss, iżda jfittex li jkun jaf għaliex ġraw. Li dawn il-ġrajjiet koroh saru ma jista' jiċħdu ħadd. Għaliex ġraw hi kustjoni ta' studju ta' żmenijiet u ħtijiet politiċi u soċjali. Fost dawn, raġuni mill-aktar importanti hi li, kif ma jistax jonqos fi gżejjer daqshekk ċkejkna fil-qalba tal-Mediterran, il-ħakkiema tal-gżejjer tagħna kienu minn dejjem barranin. Il-ħakkiem idaħħal fil-pajjiż is-setgħa u l-ġieħ ta' pajjiżu li, quddiem in-nies maħkuma ta' l-art li n-nazzjonalità tagħhom ma tkunx aktar żviluppata, tagħmlu jidher wisq akbar milli hu. Jiġri għalhekk li dawk in-nies ta' l-art li jridu huma wkoll ftit mis-setgħa fil-ħakma ta' arthom jindiehsu bħala ħbieb jew bħala qaddejja mal-ħakkiema barranin: jitgħallmu lsienhom u drawwiethom u kemm jista' jkun inessuhom li huma Maltin biex hekk jistgħu aktar malajr jaħkmu tarf mill-ħabel fil-ħakma tal-gżejjer.*

*U hekk jiġri li l-aħjar nies tal-Gżira jinqatgħu mill-poplu ż-żgħir u jibnu għalihom u għal uliedhom sur li wlied il-ħaddiema mhux la kemm jixxabbtuh u jaqbżuh. Dan hu s-sur tal-privileġġi tal-klassi fit-taqsim ta' l-impjiegi. Dan l-egojiżmu huwa marbut wisq mal-bniedem li l-ġibdiet tiegħu għalih innifsu u għal daru mhumiex dejjem qalbiena. Il-klassi l-maħqura m'għandhiex tistagħġeb li jsiru dawn il-ħwejjeġ għax il-ħajja turi li kieku hi, il-klassi l-maħqura, kienet minn fuq kienet tagħmel bħalha, kif qed naraw isir fi żmienna fil-politika ekonomika fejn it-tirannija kapitalista qiegħda tinbidel ma' l-oħra proletarja. Dan qed ingħiduh għax irridu li kemm jista' jkun inħarsu lejn il-ġrajjiet ta' l-istorja tagħna mkagħbra b'moħħ miftuħ.*

*Ma jistax jonqos li l-ħakkiema barranin, ladarba hekk jaqblilhom, ma jagħmlux ħilithom biex joftmu lill-maħkuma minn dawk il-ġibdiet li jistgħu jqanqlulhom xewqat u ridiet ma jaqblux ma' l-interessi tagħhom. Fost il-mezzi biex iżżomm il-poplu qiegħed, bħal ħmar mgħobbi u mniggeż, l-aqwa hi l-injoranza. Għalhekk qajla tara l-ħakkiem iħabrek għat-tagħlim tal-maħkum, u jiġri li l-istess maħkum, daqskemm jidra taħt is-saqajn, jikkuntenta jagħmilha ta' qaddej mas-sidien tiegħu. U tabilħaqq, aqra l-istorja uffiċjali ta' Malta u għandek tara li l-istorja tagħna mhix le storja tal-Maltin imma l-istorja tan-nies barranin li ħakmuhom. L-iċken pass fil-ħajja tal-Gvernaturi għandu l-importanza tiegħu, imma fejn hu l-istoriku Malti, jew barrani, li kiteb l-istorja soċjali tal-Maltin, tal-Malti li jaħdem ir-raba' fil-ġebel, it-Tarzna, jew fuq ix-xwieni tal-kavalieri, tal-Malti li jħallas it-taxxi għall-amministrazzjoni tal-pajjiż? Fejn hi l-istorja soċjali tal-mara Maltija, it-tiġrib ta' ommijietna? Kull ma għandna, intenni, mhix l-istorja soċjali ekonomika tal-poplu Malti imma tan-nies li ħakmuhom. Ta' min imaqdar il-għamad, jew in-nuqqas ta' ħila ta' l-istudjużi ta' l-istorja tagħna, li warrbu hekk bl-ikreh il-ġrajja ta' ħajjet il-Maltin. Fl-istorja nsibu tifkiriet tal-għemil qalbieni tal-Maltin f'xi inċidenti ta' kriżi—bħal meta misfufin minn demmhom qamu għal Monroy fis-Seklu Ħmistax, ġabru l-flus tal-fidwa u reġgħu xtraw lura l-gżira tagħna mirhuna lilu minn Alfonsu bħallikieku Malta u n-nies ta' fiha ma kienu xejn aħjar minn nagħaġ, siġar tat-tin u blat. Insibu wkoll il-qlubija ta' niesna kontra t-Torok meta n-Nofs Qamar kien għadu jbeżża' l-Baħar tan-Nofs, u l-qawma tal-Maltin għall-Franċiżi u xi ġrajjiet oħra. Imma qajla nsibu ġrajjiet oħra kbar li jgħarrfuna biżżejjed dwar il-ħajja ġew-*

*winija tal-poplu tagħna. L-Assedju tal-1565 jinqara aktar bħala l-istorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann milli bħala r-rebħa tal-poplu Malti wkoll, u ma nafx biż-żmien il-ġrajja ġdida li għadha kemm qalgħet lil Malta l-ġieh tal-*George Cross *għadx tisfa' rebħa Ingliża waħedha. Jekk l-istorja uffiċjali ta' Malta tibqa' tinkiteb kif dejjem inkitbet, hekk għad jiġri.*

*B'dal-kliem irridu nuru għaliex il-poplu Malti nżamm f'din l-injoranza u fost kollox irridu ngħallmu lil min ma jafx, l-aktar lill-mexxejja tal-ħaddiema, li l-aqwa u l-aħjar ħaġa biex il-poplu jinżamm kwiet fil-għama kien li ċċaħħdu mit-tagħlim ta' lsienu li, bħala mezz ta' ħsieb u tagħlim, biż-żmien kien seta' jagħmel l-isbaħ ġid fil-karattru tal-Maltin. Jekk taqta' l-fili tat-telegrafu ma tkunx tista' twassal jew tieħu l-messaġġ li tixtieq; u hekk ukoll jiġri meta taqta' l-ilsien li għall-moħħ tal-bniedem qisu l-fil tat-telegrafu li jwassal il-messaġġ ta' tagħlim għoli u sabiħ. Il-klassi l-pulita kellha aktar minn fil wieħed, il-ħaddiem Malti kellu wieħed biss u ċaħħduh minnu! Riżultat: imħuħ imħawda u nies bla skola; klassi minn fuq u oħra minn taħt.*

*Il-ħtieġa ta' tagħlim il-Malti ħassewh minn kmieni, fost oħrajn, De Soldanis, Francis Vella u Panzavecchia, imma l-aqwa* **fosthom kollha,** *għax l-aktar qalbieni, Mikiel Anton Vassalli, li kiteb lill-ħakkiema tal-Maltin u lill-Maltin li sinslithom ma kenitx għadha tħerriet għal kollox, li hu kien qed jaħdem sħiħ "biex ineħħi minn quddiem il-għajnejn tal-Maltin il-għamad li sa dak iż-żmien, għal bżonn kbir, xekkilhom. Wissa sabiex il-Maltin jagħmlu f'rashom, darba għal dejjem, li jxerrdu d-dlamijiet bħalma s-seklu ta' dik il-ħabta u r-Raġuni sħiħa ta' dak iż-żmien kienu għarfu jxerrdu d-dlamijiet ta' l-injuranza, jiksru l-ktajjen tal-fehmiet ħżiena u ta' ħsara; li jitturufnaw għal dejjem dawk l-abbużi li lejhom kellhom qima kbira billi flokhom idaħħlu drawwiet ġodda u tal-ħaqq, jinġiebu u jitfasslu sistemi ġodda u għaqlin u li titkeċċa minn ġewwa fihom kull biża' ta' riħ kuntrarju kif huwa stess, fil-bidu ta' dak ix-xogħol tiegħu kien biegħed minnu kull xkiel u biża' ta' tmaqdir."* (A. Cremona : *Vassalli u Żmenijietu*, 1937, p. 8).

*Fenomenu storiku interessanti għall-qarrejja ta' l-istorja Maltija soċjoloġika hu li l-kleru Malti bħala korp kien jew kontra jew biered għat-tagħlim tal-Malti, għalkemm l-ewwel studjuż tiegħu kbir kien il-Kanonku Agius de Soldanis, mix-Xagħra ta' Għawdex, bħalma l-lum l-akbar poeta hu l-Monsinjur Dun Karm Psai-*

*la, minn Ħaż-Żebbuġ, Malta. Fenomenu kurjuż, għaliex f'artijiet oħra bħall-Ingilterra, l-Italja, Franza u Spanja, l-ewwel kittieba, poeti u prożaturi, kienu ħafna minnhom qassisin u patrijiet. Lill-qassis Malti wieħed kien jistennieh ikun mill-ewwel kittieba ta' l-ilsien tal-poplu sew bħala predikatur kemm bħala poeta u prożatur letterarju, għax il-kotra tal-kleru tagħna ħarġet mill-klassijiet tal-ħaddiema waqt li l-kotra tal-professjonisti ħarġet mill-klassi l-pulita. Tabilħaqq, sa ftit snin ilu qajla kien hemm ulied il-ħaddiema fost il-professjonisti u hu minn xi snin 'il hawn li l-professjoni ddemokratizzat ruħha. Kif kien, mela, li wlied ir-raħlin illitterati, ulied in-nies tar-raba', in-nies tas-snajja', ma fehmux is-saħħa ta' lsien il-poplu bħala għodda għat-tixrid tal-kelma t'Alla kif fehmu l-kleru Franċiż, Taljan u oħrajn? Hadd daqshom, ulied in-nies li mhux biss ma jafux jiktbu imma lanqas jagħmlu isimhom, aħseb u ara kemm jifhmu bit-Taljan, ma setgħu jgħożżu 'l-ħtieġa tal-Malti għall-ġid tar-ruħ tan-nies taxxogħol.*

*Ir-raġuni storika, kif nifhimha jien, hija li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi, l-istess bħan-nutari sa l-aħħar tas-seklu tmintax, kienu l-biċċa l-kbira Sqallin li wħud minnhom lanqas biss kienu jirfsu Malta u għalhekk laħqu waqqfu t-tradizzjoni ta' l-ilsien Taljan għax-xogħlijiet u tagħrifiet kollha uffiċjali tal-Kurja, xandir ta' legati ta' żwieġ u pastoralijiet. Mhux biss l-Isqfijiet imma sa kappillani ġie li kienu jkunu barranin. Ġara għalhekk li l-Kleru Malti sab u qagħad għal din it-tradizzjoni li ħallewlna l-awtoritajiet ekkleżjastiċi barranin u biż-żmien din it-tradizzjoni antidemokratika Taljana saret patrimonju li l-kleru raha ħaġa bi tqila jinfired minnha — saret, bi kliem ieħor, kustjoni sentimentali. Fl-1481 insibu li l-Maltin, bis-saħħa tal-Kunsill Ġenerali tal-Ġurati, kienu gergru ma' l-Isqof għax l-arċipriet tal-kattidral kien Sqalli li lanqas jaf jitkellem bil-Malti! "... ki ni maraviglamu de sua signuria ki ni havi provistu di tali cappellanu* maxime ki non sa la lingua *et ki plaza sua signuria providiri di altru cappellanu" (1). Fi żmien l-Aragoniżi l-Maltin qalgħu wkoll li fil-laqgħat tal-*Consiglio Popolare *jistgħu jitħaddtu bil-Malti billi l-Ġurati, magħżula wieħed minn kull raħal, ma kenux jafu jitkellmu ħlief b'ilsienhom. Il-kleru ta' l-art kien ibati ħafna mal-kleru barrani għax il-benefizzi t-tajba kienu jeħduhom il-qassisin Sqallin; għall-*

(1) Ara d-dokument miġjub minn Mons. A. Mifsud fid-*Diocesi*, Anno III, pp. 203-205.

*qassis Malti kien jibqa' biss l-għadma! Imma t-tradizzjoni Taljana kontra l-ilsien Malti baqgħet sa ftit żmien ilu, sakemm, imħabba l-indaħil ta' l-Italja, il-lingwa saret kustjoni perikuluża ta' interessi politiċi.*

*Imma kif jingħad, il-bajtar iż-żmien isajru, u ż-żmien kien ilu qed isajjar is-sentimenti ta' nazzjonalità Maltija. X'uħud mill-kleru bdew iħossu li t-Taljan ma kienx floku fil-Knisja Maltija. u li bħal pajjiżi Insara oħra l-ilsna uffiċjali tagħha kellhom ikunu l-Latin u lsien in-nies tad-Djoċesi, jiġifieri l-Malti. Imma kull tradizzjoni tibni madwarha ħajt qawwi ta' reżistenza, u bħal siġra xiħa, mhux la kemm taqlagħlha egħruqha minn lokhom. Jingħad li l-Arċisqof il-mejjet, meta għall-ewwel li laħaq, milqut mill-istramberija ta' pastorali miktubin bit-Taljan għall-ġid tar-ruħ tal-merħla Maltija, xandar l-ewwel pastorali tiegħu bil-Malti, xi professjonisti, imdaħħlin fil-partiti politiċi ta' dak iż-żmien, ipprotestaw kontra tiegħu fit-triq sakemm kellu jerġa' joqgħod għad-drawwa anti-demokratika u anti-popolari. Imma sa minn qabel l-aħħar gwerra kollox beda jinqaleb ta' taħt fuq. L-Arċisqof il-mejjet fi xjuħitu u l-Arċisqof tal-lum jibqgħu jinftakru bħala l-ewwel Ragħajja li taħthom il-pastoralijiet bdew jixxandru għall-Maltin bil-lingwa tagħhom, u xhieda oħra ta' din il-bidla kellna meta, fl-Ingress ta' l-Arċisqof li għandna, smajna l-Omelija tiegħu fil-Kattidral bl-ilsien tagħna l-Maltin.*

*Jekk il-kleru l-qadim, għax kien imrobbi fi dwarijiet xorta oħra, kien aktarx imxaqleb kontra l-ilsien Malti, il-kotra tal-kleru l-ġdid, l-aktar dik li toħroġ mill-Università, hi mxaqilba lejn l-ilsien tal-poplu tagħhom. Xhieda ta' din ix-xejra ġdida hu x-xandir ta' ħafna kotba msejħa l-"Qari Tajjeb", miktubin b'Malti tajjeb, fosthom enċikliki fuq kustjonijiet ekonomiċi soċjali ta' żmienna u ktieb ta' innijiet bil-Malti tajjeb għall-kant fil-knejjes.*

*Minn dan li għedna għandu jidher sewwa li l-ħqir u t-tagħfiġ ta' l-Ilsien Malti kien imsieħeb mal-ħqir u t-tagħfiġ tal-ħaddiema, tagħfiġ li għadna nħossuh fl-għadd kbir ta' illitterati li huma dawk il-ħafna Maltin li jew qatt ma rifsu l-għatba ta' l-iskola jew li għax fl-iskejjel elementari flok il-Malti tgħallmu ftit Taljan u ftit Ingliż li issa nsewhom, jistgħu jitqiesu illiterati bħall-oħrajn. Bil-maqlub, il-qawma ta' l-ilsien Malti, fost il-ħaddiem, il-kleru u l-professjonisti ż-żgħażagħ tfisser il-qawma politika u morali tal-ħaddiem Malti li, bħal bniedem imbikkem għomru u żmienu, sab sa fl-aħħar il-Kelma Maltija u mal-Kelma l-gmiel ta' l-idejiet, il-għodda li biha jista' jitkellem u jkellem u*

*jaqra fuq suġġetti l-aktar serji u ta' ħtieġa.*

*Meta l-kotra tal-Membri ta' l-Assemblea Nazzjonali qatgħet li l-Malti, flimkien ma' l-Ingliż, għandu jkun l-ilsien uffiċjali ta' Malta, fissret ix-xewqa tal-Maltin li f'għajnejn il-barranin mill-lum 'il quddiem għandna nibdew nitqiesu bħala nazzjon għalina. U hekk saflaħħar ser jingħata bidu biex jibdew jissewwew dawk l-iżbalji li żammew lill-gżejjer tagħna lura ħafna, fost dawn iċ-ċaħda u t-twarrib tal-lsien Malti li kien iġib miegħu ċ-ċaħda u t-twarrib ta' dawk il-Maltin li ma jafux ħlief bil-Malti mid-dinja tal-progress u ta' l-idijat ġodda. Dawk li għad ma fehmux il-ħtieġa ta' dir-riforma għad ma fehmux sewwa la l-istorja tagħna u lanqas il-bżonnijiet kollha tal-ħaddiema Maltin.*

*Imma jekk iridu jimxu jew imexxu jeħtiġilhom jifhmu li għalina l-Maltin, u l-aktar fostna l-ħaddiema, l-ebda lsien ieħor ma jiswielna aktar mill-Malti.*